# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis dsatax (19) ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru 346/14 FDP**

**Coleiro General Supplies Limited**
**(C 3429)**

**vs**

**Claude Grima**
**(ID 209574M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-22 ta' Ottubru 2014 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tiddikjara illi l-intimat kien responsabbli ghall-hlas ta' bilanc dovut ghall-fornitura u installazzjoni ta' '*passenger hydraulic lift*' fl-ammont ta' hamest elef u ghaxar Euro u disgha u sebghin centezmu (€5,010.79) u ghalhekk tikkundannah ihallas l-stess somma flimkien ma' spejjez, inkluf dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 14 ta' Awissu 2013.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fis 7 ta' Novembru 2014 fejn laqa' ghal dak mitlub billi stqarr illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148 tal-Kap 16 filwaqt illi, il-meritu, l-allegat kreditu kien inesistenti.

Semghet ix-xhieda ta' **Louis Coleiro**, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fid-19 ta' Jannar 2015 u fis-26 ta' Frar 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Claude Grima** prodott mis-socjeta rikorrenti, moghtija fis-26 ta' Frar 2015

Semghet il-kontro ezami ta' Louis Coleiro illi saret fis-27 ta' April 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat l-affidavit ta' Claude Grima ippresentat fit-18 ta' Gunju 2015 u d-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Pierre Debono**, moghtija fid-19 ta' Ottubru 2015.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' Claude Grima moghtija fit-23 ta' Novembru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet il-kontro ezami ta' Claude Grima moghtija fit-28 ta' Jannar 2016 u rat id-dokumentazzjoni esebita waqt tali kontro-ezami.

Rat illi fit 28 ta' Jannar 2016, il-kawza giet differita ghal-finali trattazzjoni wara illi l-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni ta' abbli difensuri tal-partijiet moghtija fis-7 ta' April 2016.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta rikorrenti forniet u installat '*one passenger hydraulic lift*' gewwa binja gewwa il-Pieta', liema propjeta kienet tas-socjeta PRL Investments Limited, u dana versu l-prezz ta' €18,300.

Jirrizulta, mid-dokument ippresentat mis-socjeta rikorrenti u kkonfermat mill-intimat fix-xhieda tieghu, liema dokument igib id-data tat-18 ta' Marzu 2010, (fol 2) illi l-intimat kien dahal fi ftehim mas-socjeta rikorrenti, flimkien mas-socjeta PRL Investments, fejn, filwaqt li s-socjeta PRL Investments kienet ser thallas is-somma ta' €3,660 bhala s-sehem taghha tal-lift fuq imsemmi, l-intimat kien obbliga ruhu illi jhallas il-bilanc ta' €14,640.

Jirrizulta illi s-somma ta' €3,660, illi kien l-ammont ta' 20% deposit rikjest mal-ordni tal-lift, thallset mis-socjeta PRL Investments fl-1 ta' Gunju 2009, jigifieri qabel ma gie iffirmat il-ftehim ma' l-intimat.

Jirrizulta illi, sussegwentement, fid-9 ta' Marzu 2010, l-intimat ghamel pagament akkont tal-bilanc fl-import ta' erbat elef, tmien mija u hmistax-il Euro (€4,815), filwaqt illi fid-9 ta' April 2010, l-intimat ghamel pagament iehor akkont tal-bilanc fl-import ta' erbat elef, tmien mija u hmistax-il Euro (€4,815).

Jirrizulta illi, eventwalment, l-intimat ghamel pagament akkont iehor ta' erbat elef, tmien mija u hmistax-il Euro (€4,815), din id-darba fit-28 ta' Mejju 2010, izda tali pagament ma giex onorat mill-Bank.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti, kif ukoll l-azzjonisti tas-socjeta rikorrenti, tramite kumpannija ohra taghhom bl-isem ta' *Pamaco Properties Limited*, kellha relazzjoni kuntrattwali ma' zewgt kumpanniji ta' l-intimat, ossija *JOT Company Limited* kif ukoll *Sandringham Limited*, illi bejniethom kien sar negozju.

Jirrizulta illi ghalkemm kien hemm negozju bejn dawn il-kumpanniji, is-socjetajiet bejniethom kellhom pendenzi, liema pendenzi eventwalment wasslu sabiex is-socjeta rikorrenti tiehu proceduri kontra s-socjeta Sandringham Limited, illi ma humiex parti mill-proceduri odjerni.

Jirrizulta illi, skond l-intimat, is-socjeta PRL Investments Limited kienet bieghet il-fond fejn gie installat il-lift, lill-kumpannija ohra, bl-isem ta' LUAY Limited, li fiha l-intimat kellha interess, u, dejjem skond l-intimat, sabiex jassisti lis-socjeta PRL Investments Limited, huwa kien accetta illi jaghmel tajjeb ghal bilanc dovut minn PRL Investments Limited lis-socjeta rikorrenti relatat mal-lift, bl-intiza illi dana kellu jigi pacjut ma' ammont ta' €14,640 illi s-socjeta Pamaco Properties Limited kellha taghti lill JOT Company Limited f'negozju illi kellhom bejnhom.

Jirrizulta illi, skond ix-xhud Pierre Debono, prodott mill-intimat, li kien jopera negozju bis-socjeta PRL Investments Limited, illum xolta, u li kien ffirma l-ftehim datat 18 ta' Marzu 2010, meritu tal-

kawza odjerna, ghall PRL Investments, huwa ma kien jaf b'xejn minn dawna l-arrangamenti ta' tpartit bejn socjeta u ohra.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-intimat, fix-xhieda tieghu, ammetta illi l-ammont mitlub kien attwalment dovut lis-socjeta rikorrenti izda sahaq illi dawna kellhom jigu pacjuti ma' sommom ohra dovuti lis-socjeta tieghu JOT Company Limited minn terzi.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax wkoll illi dawna l-manuvri kollha illi semma l-intimat fix-xhieda tieghu, imkien ma jidhru korroborati minn xi dokumentazzjonijiet jew ftehim bejn il-partijiet, izda jidher illi huma kollha attentat da parte ta' l-intimat milli jahrab milli jhallas dak minnu ammess illi kien dovut u li, del resto, kien gia hallas parti tieghu.

Il-Qorti, finalment, tosserva illi, fil-kaz odjern, il-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148 ma hijiex applikabbli stante illi l-azzjoni odjerna ghandha titqies bhala azzjoni ta' hlas ta' kull kreditu iehor, kif ikkontemplat fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16, liema preskrizzjoni, del resto, gie interrott permezz ta' Ittra Ufficjali datata 14 ta' Awissu 2013 u notifikata lill-intimat fit 23 ta' Awissu 2013.

Ghalhekk, id-difizi kollha mqajjma mill-intimat ma ghandhomx bazi u t-talba attrici timmerita illi tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi semghet il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, u ghalhekk,

**Tiddikjara** illi l-intimat Claude Grima responsabbli ghall-hlas ta' bilanc dovut ghall-fornitura u installazzjoni ta' '*passenger hydraulic lift*' fl-ammont ta' hamest elef u ghaxar Euro u disgha u sebghin centezmu (€5,010.79) u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat Claude Grima ihallas l-stess somma ta' hamest elef u ghaxar Euro u disgha u sebghin centezmu (€5,010.79).

Imghax, kalkolabbli mit-23 ta' Awissu 2013, data tan-notifika tal-Ittra Ufficjali, u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur, ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur